A.L. 5 ta' l-1994

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Statut li jemenda l-Istatut 3 ta' l-Università ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 33 u 48(3) ta' dak l-Att:—

STATUT LI JEMENDA L-ISTATUT 3 (EMENDA NRU. 7) — KORSIJIET TA' STUDJI, GRADI U DISTINZJONIJIET

Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut li jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 7) ta' l-Università ta' Malta, u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Istatuti ta' l-Università ta' Malta mdaħħla fl-Iskeda III ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327).

Emenda fis-sotto-paragrafu 1 tal-paragrafu 3.1 ta' l-Istatut 3

2. Fis-sotto-paragrafu 1 tal-paragrafu 3.1 — Korsijiet ta' Studji għall-Gradi, Diplomi u Ċertifikati — ta' l-Istatut 3 — taħt ir-ras *Il-Fakultà ta' l-Inġinerija Mekkanika u Elettrika,* minnufih taħt il-kliem "Bachelor of Engineering (Honours) — B.Eng.(Hons.)" u qabel il-kliem "Bachelor of Electrical Engineering (Honours) — B.Elec,Eng.(Hons.)" għandhom jidħlu l-kliem "Bachelor of Engineering — B.Eng."